II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (PESK) 2021/251

tat-18 ta' Frar 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 314/2004 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/258 tat-18 ta' Frar 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 314/2004 ([2]) jagħti effett lil diversi miżuri previsti mid-Deċiżjoni 2011/101/PESK ([3]), inkluż l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' persuni u entitajiet nominati fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe.

(2) Fit-18 ta' Frar 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/258, li tneħħi persuna waħda mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi u li li temenda l-entrati għal żewġ persuni fiha kif stabbilit, rispettivament, fl-Annessi I u II għad-Deċiżjoni 2011/101/PESK.

(3) Fis-17 ta' Frar 2021, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/253 ([4]) emenda l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 314/2004 skont dan. It-tneħħija ta' persuna mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi teħtieġ ukoll it-tneħħija tal-persuna mill-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 314/2004, li jelenka l-persuni u l-entitajiet sospiżi minn miżuri restrittivi skont l-Artikolu 6(4) ta' dak ir-Regolament.

(4) L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 314/2004 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 314/2004 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

([1]) Ara paġna 51 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 314/2004 tad-19 ta' Frar 2004 dwar ċertu miżuri restrittivi fir-rigward taż-Żimbabwe (ĠU L 55, 24.2.2004, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6).
([4]) Ara paġna 15 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

ANNESS

Fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 314/2004, titħassar l-entrata segwenti:

"4. Shiri, Perence (magħruf ukoll bħala Bigboy) Samson Chikerema".